# FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR

## DR. JOSEPH GATT LL.D.

## <u>DIGRIET</u>

## Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' Jannar 2022

Fl-atti tat-Talba Nru: **53/2021 JG**

Fl-ismijiet

**Assoċjazzjoni Arcades Court**

**Vs**

**Anthony Apap**

It-Tribunal;

Ra t-talba magħmula mill-konvenut permezz ta' rikors datat 4 ta' Novembru 2021, tramite liema talab li dan it-Tribunal jissospendi l-proċedimenti odjerni u jistenna sakemm il-konvenut jipproċedi b'xi proċeduri quddiem iċ-Ċentru Malti dwar l-Arbitraġġ;

Ra l-oġġezzjoni tal-assoċjazzjoni rikorrenti magħmula permezz ta' risposta fis-6 ta' Diċembru 2021;

Sema' lill-partijiet jittrattaw il-mertu ta' dan ir-rikors;

**Ikkunsidra;**

Illi permezz tat-talba hawn issa diskussa, li jrid jingħad hija kemxejn nebuluża fis-sustanza tagħha, jidher li l-konvenut irid li dan it-Tribunal jissoprassjedi sakemm l-istess konvenut iniedi proċeduri t'arbitraġġ rigwardanti l-ispejjeż mitluba b'dan il-proċediment. Dan jgħidu, skond hu, minħabba t-tieni eċċezzjoni tiegħu għall-Avviż tat-Talba fejn qiegħed jgħid li l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv. Fir-rikors hawn issa deċiż, il-konvenut jgħid li dik l-eċċezzjoni taqa' taħt dak li jrid l-artikolu 23 tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-assoċjazzjoni rikorrenti topponi għal din it-talba għaliex, *inter alia*, tgħid li semmai huwa l-konvenut li għandu jirrikorru għal xi proċeduri t'arbitraġġ iżda t-talba magħmula fl-Avviż tat-Talba hija ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Illi qabel ma jibda jittratta l-mertu ta' din it-talba, it-Tribunal irid jagħmilha ċara li huwa m'huwiex sejjer jesprimi veduti dwar dak li ntqal mill-konvenut fuq l-applikabbilitá o meno tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta. Bl-istess mod, t-Tribunal m'huwiex sejjer bl-ebda mod jindaħal dwar jekk huwiex minnu li materja bħal dik sollevata mill-konvenut hijiex waħda li tineċessitá b'mod mandatorju proċeduri t'arbitraġġ. Dak m'huwiex mertu ta' dan id-digriet.

Illi spjanat dan kollu, jingħad bla dilungar żejjed lit-talba tal-konvenut hija ħażina u sejra tiġi riġettata. Jekk il-konvenut qiegħed b'xi mod kemxejn elastiku jittanta jutilizza l-artikolu 792 jew 793 tal-Kapitolu 12 tal-Malta, allura bilkemm hemm

għalfejn jingħad li dan huwa żbaljat. Jirriżulta li l-konvenut ma bediex proċeduri oħra u allura element essenzjali (żewġ proċeduri pendenti) huwa nieqes.

Illi mill-aspett ta' soprasessjoni, irid jiġi mfakkar li s-sospensjoni ta' xi proċediment jibqa' dejjem fakoltattiv għal min hu tenut jiġġudika u huwa dejjem rimedju straordinarju. Minn dak li ġie sottomess lil dan it-Tribunal ma jirriżultawx l-elementi neċessarji[1] sabiex tintlaqa' din it-talba.

Illi finalment, għal dak li jikkonċerna l-parti tat-talba li trid li dan it-Tribunal b'xi mod jordna li l-konvenut jibda proċeduri t'arbitraġġ, it-Tribunal jgħid mingħajr mezzi termini li m'huwiex imħolli lilu li jagħti direzzjonijiet dwar strateġiji legali lill-partijiet. Jekk il-konvenut iqis li għandu jimxi b'dak il-mod huwa liberu li jagħmel hekk, mingħajr il-ħtieġa tal-barka minn dan it-Tribunal. Ċertament peró ma jistax jippretendi li dan it-Tribunal iwaqqaf is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri bit-tama lill-konvenut jibda xi darba proċeduri t'arbitraġġ. Dan it-Tribunal għandu biss dak mitlub fl-Avviż tat-Talba u ċioé talba għal ħlas t'ammont rappreżentanti miżati annwi u spejjeż oħra, u xejn aktar. Fuq hekk biss hu tenut jiddeċiedi.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiċħad it-talba tal-konvenut kif kontenuta fir-rikors tal-4 ta' Novembru 2021 u jordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż ta' dan l-episodju riżervati għal-ġudizzju finali.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[1] F'dan is-sens, fost diversi, wieħed huwa mistieden jara l-provvediment fl-ismijiet **<u>Axel Johnson International AB vs Aluminium Extrusions Limited,</u>** (Ċit Nru: 145/00 GV), mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-21 ta' Frar 2001.